*Leħen is-Soċjetà Mużikali*

# San Lawrenz

*Belt Vittoriosa A.D. 1883*



**#MagħqudinFlimkien**

**Ħarġa Nru. 130** **LULJU - AWWISSU 2022**

## Welcome to BeBirgu!

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com




Olde City Pub

## Olde City Pub
*is the Best*

Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

## Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

*Manufacturers of all types of Wooden Mouldings*

***Showrooms at the Factory and***
***80, St. Joseph High Road, Hamrun***

**SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS**

## Unlimited Designs...
## ...Within Your Budget

### Traditional, Classic & Modern Frames

- Swept Frames
- Customised Mirrors
- Prints
- Paintings
- Photos
- Posters
- Canvas / Stretching
- Mount Cutting
- Certificates & Diplomas
- Local & Foreign Artists
- Museum Glass

- Contract Works Undertaken
- Professional & Efficient Service Guaranteed
- Interior Designers Are Welcome



Specialising in Made-To-Measure Framing

Opening Hours:
Monday To Friday From 7:00am Till 2:00pm
Saturdays By Appointment

www.gemelliframing.com

GEMELLI
FRAMING

Contact Ray Or Marianne
On 21 412 124
Or 99 495 263

With Over 30
Years Experience

# Il-Kelma tal-President

**Bjorn Callus**

Sa fl-aħħar wasalna. Wara stennija twila 3 snin, ser nerġgħu niċċelebraw il-Festa kif nafuha. U x'festa ser niċċelebraw! Apparti il-jiem kollha impenjattivi mill-31 ta' Lulju sal-11 ta' Awwissu, b'żieda qawwija ta' servizzi f'dawn il-jiem, hemm diversi attivitajiet fil-jiem ta' qabel ukoll. U fuq kollox, għandna wkoll iċ-ċelebrazzjonijiet tal-100 Sena Anniversarju mix-xiri ta' Palazzo Huesca. Attività Soċjali, Wirja Lawrenzjana tal-ogħla livell, Akkademja Mużikali fil-Knisja Kolleġġjata u Konventwali ta' San Lawrenz, tiżżanżan bandiera ġdida, marċ qasir, kxif ta' rħama mill-E.T. il-President ta' Malta u riċeviment. Festa żgħira tal-ogħla livell sabiex nimmarkaw dan l-anniversarju hekk importanti.

Fil-jiem tal-festa ser nkunu qed nagħmlu mad-9 servizzi b'kollox, filwaqt li fl-istess ħin inkomplu nonoraw is-servizzi tagħna barra l-Birgu. Xogħol kbir ta' impenn li ma jispiċċa qatt, imma nagħmluh b'wiċċna minn quddiem, b'sodisfazzjon, għax wara kollox aħna każin tal-Banda u l-banda hi prijorità. Dan ser nagħmluh għax nemmnu bis-sħiħ li l-festa tagħna tista' tikber iżjed u għaliex l-għaqdiet kollha flimkien konna bil-għaqal u ħsibna għall-perjodu iebes tal-pandemija. Għalhekk din is-sena hi festa ikbar mis-soltu u għalhekk ninsabu ħerqana li jaslu il-jiem mill-isbaħ ta' Awwissu.

Bħal kull dilettant ieħor, attendejt għal diversi festi li saru u fattur komuni li rajt kien bla dubju l-ammont kbir ta' nies li qed jattendu. Dan diġà esperjenzajnih fil-festa tal-Għid il-Kbir ġewwa l-Birgu, u dan il-fatt baqa' jirrepeti ruħu fid-diversi festi li attendejt għalihom. Bla dubju ta' xejn, dan jimlina bil-kuraġġ bħala dilettanti tal-festi, għaliex mhux talli l-festi ma ħadux id-daqqa mortali kif ħasbu whud, imma bil-kontra, żdiedet sew l-attendenza fihom. Fl-istess ħin, hemm diversi suġġetti li wieħed jista' jsemmi u jinnota, fejn sfortunatament qed nara trend fejn fl-aqwa tal-marċ il-banda qed tingħata ftit il-ġenb u l-prijorità tkun id-diski jew marċi b'arranġament playback. Personalment lili dan ma jgħoġobnix, u la darba hemm il-banda, il-banda għandha tkun il-prijorità, u mhux viċi versa.

Irridu nirrikonoxxu wkoll li hawn numru ta' festi li esperjenzaw diffikultajiet li qabel ma konniex narawhom. Matul dan is-sajf ser jiġu ċċelebrati festi ridotti, u problema oħra rikorrenti hi li diversi każini jew organizzaturi tal-festa kkanċellaw stediniet, jew stennew sal-aħħar ħin sabiex jaraw il-mezzi finanzjarji qabel ikkonfermaw jew le xi banda. Min-naħa



l-oħra, smajna b'diversi każijiet fejn baned ikkanċellaw servizzi tagħhom f'diversi festi għaliex ma jsibux bandisti. U rridu nirrikonoxxu li verament teżisti din il-problema. Hu fatt ukoll li hawn każini jħossuha iktar minn oħrajn minħabba raġunijiet varji, bħal ammont ta' servizz, kif ġie stmat bandist fil-passat eċċ. Imma apparti dan, rridu nirrealizzaw li xi ftit jew wisq bandisti naqsu u x-xogħol sploda. Iktar servizzi mill-baned stess, iktar tiġijiet li ħafna bands ikunu ffurmati mill-istess bandisti, festivals, kunċerti, u nista' nibqa' sejjer u ma nispiċċa qatt. Id-domanda hi għolja ħafna, imma l-provvista hi baxxa. Għaldaqstant verament tinħtieġ azzjoni konkreta f'dan ir-rigward u l-każini stess iridu l-ewwel nett jammettu u jindunaw li huma wkoll parti mill-problema.

Qsamt magħkom dawn il-ħsibijiet sabiex wieħed jifhem kemm hi diffiċli u ta' sfida biex wieħed ikollu banda għal xi servizz. Għaldaqstant immaġinaw x'tirrikjedi sabiex ikollok banda għal madwar 35 servizz! Għax dik hi r-realtà tal-banda tagħna, il-banda tal-Birgu, u nassigurakom li l-impenn qiegħed dejjem hemm sabiex dejjem ngħollu isem il-banda tagħna. Inħares 'il quddiem sabiex fil-ġranet u ġimgħat li ġejjin niltaqgħu fid-diversi attivitajiet u fil-ġranet tal-festa. B'wiċċna minn quddiem ser ikollna l-każin miftuħ għall-pubbliku, fejn ser taraw ix-xogħol kollu li sar fl-aħħar snin u verament minn qalbi nistedinkom li tidħlu ġewwa l-każin u dduru ġewwa Palazzo Huesca, speċjalment fil-jiem tal-Wirja Lawrenzjana bejn il-15 u 19 ta' Lulju. Nixtieq nagħlaq billi nagħmel appell lill-partitarji palmiżi. Ejjew nieħdu pjaċir din is-sena, għaliex verament għandna biex, imma fl-istess ħin inħeġġiġkom sabiex issegwu d-direzzjoni li tingħata mill-uffiċjali tal-kumitati rispettivi. Il-festa nagħmluha kollha flimkien u s-suċċess tal-marċ tal-Ewwel Erbgħa kien propju dan. Dakinhar mlejtuna bil-kuraġġ, issa wasal il-mument li ningħaqdu flimkien familja waħda Palmiża u niċċelebraw il-festa ad unur il-Padrun tal-Belt Rebbieħa San Lawrenz. Il-provokazzjonijiet li jista' jkun hemm ninjorawhom u fuq kollox ma nagħmluhomx aħna stess. Is-suċċess tal-festa l-kbira ta' din is-sena jiddependi mill-parteċipazzjoni tiegħek. Il-festa t-Tajba lil kulħadd.

## Werrej

Il-Kelma tal-President......................3
50 Sena Bandist................................5
Levita Laurentius.............................6
Xogħol, Proġetti u attività li ma' taqta xejn.......................... 7 – 10
Kumitat u Allievi Ġodda................11
Programm tal-Festa...................12-13
Tagħrif mill-kċina..........................14
Ludovico M.E. Einaudi..................15
Il-Birgu tul is-sekli....................16-18
Lawrence V.Farrugia.................19-21
Vittoriosa in Festa 2022..................22

***Editur***
Simon Farrugia

***Riklami***
John Attard
Simon Farrugia
Lawrence V. Farrugia

**Proof Reading**
Adrian Vella
Rebecca Azzopardi

***Ritratti***
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Lawrence Parascandolo
Elton J. Randich
Gabriel Treeby Coleiro
Andre Xuereb

**Ritratt Faċċata**



*Il-pittura meraviljuża li turi tissimbolizza r-rebħa tal-Assedju l-Kbir li tinsab f'Palazzo Huesca, xogħol l-artist ċelebri l-Kavallier Paolo Camilleri Cauchi*

**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est. 1924
36, Triq San Pawl, Valletta
Tel: 2122 4607 Mob: 9987 0603
E-mail: emibonnici@gmail.com



PJAZZA REĠINA
VALLETTA
Everybody's Centrepiece
DELICATA
Family Winemaker
Since 1907
WWW.DELICATA.COM
/DELICATA WINERY

# Lawrence Pisani
# 50 Sena Bandist

Fil-qalba ta' kull każin tal-banda, wieħed għandu jsib il-bandisti u l-alljievi qed jitgħallmu din l-arti tant sabiħa tal-mużika. Dan għaliex fil-qalba ta' kull mużiċist hemm il-mużika. Lawrence Pisani, bandist proprjetarju tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, dis-sena jgħalaq 50 sena mill-ewwel darba li ħareġ idoqq is-Sax Alto ta' 16-il sena fil-festa tal-Padrun tagħna San Lawrenz fis-sena 1972. Huwa studja l-mużika mas-surmast Paul Buttigieg li kien għalliem fl-istess soċjetà tagħna. Lawrence daqq taħt diversi surmastrijiet, fosthom Hector Dalli, Paul Schembri, u Jonathan Abela. Lawrence daqq ukoll ma' diversi baned fosthom il-Banda Marija Annunzjata (l-ewwel banda barranija) taħt Mro. Paul Buttigieg, il-Banda Beland taħt Mro. Orazio Cachia, il-Banda King's Own taħt Mro. Carmelo Caruana u Mro. Dr. John Galea, il-Banda La Valette taħt Mro. Domnic Darmanin, il-Banda Sant'Antnin f'Birkirkara, il-Banda tal-Korp tal-Pulizija u diversi baned oħrajn. L-iktar servizz li jibqa' għal qalbu huwa meta daqq solo fuq is-Sax Alto fit-Teatru Manoel. Bla dubju, Lawrence iħobb ferm idoqq il-marċi ta' Mro. Hector Dalli u ta' Mro. Vincenzo Ciappara. Ta' min wieħed isemmi li Lawrence huwa bandist minn familja bandistika sħiħa. Missieru, John Pisani, għamel iżjed minn 60 sena jdoqq mal-banda tagħna u snin twal oħra jservi fil-kumitat bħala Arkivista. Ħuh John Pisani wkoll kienu jdoqqu. Ħu Lawrence, Emanuel, idoqq ukoll il-perkussjoni. Andrew, bin Lawrence għamel żmien ukoll idoqq mal-banda tagħna kif ukoll it-tifel tat-tifla ta' Lawrence, Mark Mifsud. Emanuel ukoll għandu t-tfal idoqqu, Christopher u Frankie, filwaqt li l-kuġini ta' Lawrence, (Joe u Wenzu Mifsud) kienu jdoqqu ukoll.



*Ad Multos Annos Lawrence!*





**Kun ġeneruż fil-ġabra li ssir
mis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz
matul il-ġranet tal-Festa.
L-għotja tiegħek tkompli tgħin sabiex inkomplu
nkabbru isem is-Soċjetà u l-Banda tal-Birgu.
Grazzi mill-qalb**

# Levita Laurentius

*Minn Patri Martin Mamo OFMCap.*



***"Levita Laurentius bonum opus operatus est, qui per signum Sancte Crucis caecos illuminavit et thesauros Ecclesiae dedit pauperibus".*** Dawn huma l-vrus li b'tant imħabba jitkantaw fl-Antifona tal-Levita Martri San Lawrenz. Kliem li bi lsienna jfissru; ***"San Lawrenz Levita wettaq ħidma tajba, dawwal lill-għomja bis-sinjal tas-salib u qassam lill-foqra l-ġid tal-Knisja".***
Kemm huwa titlu sabiħ dak ta' San Lawrenz meta nirreferu għalih bħala Levita, kelma li tfisser djaknu/ qaddej. Anzi aktar minn djaknu, għax San Lawrenz ġie maħtur mill-Papa Sistu II bħala l-Arċidjaknu tal-Belt Eterna, l-ewwel fost is-seba' djakni ta' Ruma.

**X'inhu r-rwol ta' Djaknu fil-knisja?**
Id-djaknu jiġi ordnat uffiċjalment mill-knisja biex ikun qaddej tal-poplu t'Alla, u biex jaqdi u jagħti s-sehem tiegħu fil-Liturġija. Id-djakonat mhux tarġa li twassal għas-saċerdozju, għalkemm qabel ma' wieħed jiġi ordnat saċerdot irid jiġi ordnat djaknu, imma li tkun djaknu hija vokazzjoni minnha nfisha. Kull min jiġi ordnat djaknu irid jifhem u jkun persważ ħajtu kollha, li huwa għandu dan il-ministeru li jibqa' fih u miegħu għal dejjem, mhux għall-merti tiegħu imma għall-Ħniena ta' Alla. Id-djaknu irid juri b'għemilu u bi kliemu il-kobor tal-Ħniena t'Alla.

**Id-Djaknu Lorenzu huwa msemmi mid-Duttur tal-Knisja San Tumas t'Aquino.**
Meta jitħaddet fuq is-sagramenti, San Tumas isemmi darbtejn lid-djaknu San Lawrenz. L-ewwel isemmih fil-kummentarju fuq is-Sentenzi ta' Pietru Lombardu, (*teologu li għex fis-seklu 12, u li gawda minn popolarità kbira, għax opra tiegħu, intitolata Sentenzi, ġiet addottata bħala manwal ta' teoloġija għal sekli sħaħ).* Isemmih bħala eżempju għax bħala djaknu San Lawrenz kien iqarben bid-demm ta' Kristu (4,d.13,q.1). Naturalment kien fi żmien meta l-Ewkaristija kienet tiġi amministrata biż-żewġ speċi, u d-djaknu Lawrenz kien iqarben bid-Demm Imqaddes. Imbagħad isemmih ukoll fis-"*Summa Theolgiae*" għaliex, ukoll bħala djaknu, San Lawrenz għammed bosta nies (111, q.67,a.1,1a).
Meta jitħaddet fuq il-Passjoni ta' Kristu, San Tumas igħid li l-kobor tal-martirju li ġarrab Kristu fuq is-Salib, ma rridux inqisuh biss billi nikkunsidraw it-tbatijiet infushom tas-salib, (*għax fil-fatt hemm qaddisin li ġarrbu martirji kiefra daqs Kristu, kif ġarrab San Lawrenz).*
(Summa Theologiae.,111,q.46,a.1.1a; ara wkoll Sent.III,d.15,q.2,a.3).
Minkejja li hemm min ġarrab ħruxijiet bħal ta' Ġesù, *bħal fil-każ ta' San Lawrenz,* il-Passjoni ta' Kristu tibqa' unika għax permezz tal-Mewt ta' Kristu l-Iben ta' Alla **biss**, aħna ksibna l-Fidwa. Madankollu fit-tbatijiet tagħna aħna inkunu qed nissieħbu fit-tbatija ta' Kristu. San Lawrenz kien konxju li fil-martirju tiegħu tal-gradilja kien qed jissieħeb mal-martirju kiefer tas-Salib ta' Kristu.

**San Lawrenz kien djaknu tajjeb ħafna għax ħabb ħafna.**
Joqgħod tajjeb għalih il-kliem ta' San Pawl meta jgħid; "U kieku kelli nqassam ġidi kollu fil-karità u nagħti ġismi għall-ħruq bla ma jkolli mħabba, xejn ma jkun jiswieli ta' ġid". Hija l-imħabba perfetta li twassal lil wieħed biex jaċċetta l-martirju bil-qalb u bil-ferħ. Bil-ferħ u bl-imħabba San Lawrenz qassam u ta lill-foqra u hekk japplika għalih kliem is-Salmista meta jgħid; "Iqassam u jagħti lill-foqra, il-ġustizzja tiegħu tibqa' għal dejjem". Salm 111vs9.

**L-Għażla tas-seba' djakni ta' Ġerusalemm b'San Stiefnu l-ewwel wieħed, u l-għażla tas-seba' djakni ta' Ruma b'San Lawrenz l-ewwel wieħed.**
L-idea tad-djakonat bdiet fuq xewqa tal-appostli fejn minħabba li l-għadd tad-dixxipli kien qiegħed jiżdied, intgħażlu sebat irġiel li għandhom isem tajjeb u li huma mimlija bl-Ispirtu u bil-għerf biex jaqdu fl-imwejjed u jaqdu bl-imħabba lil insara bil-karità u fit-tqassim tal-Ewkaristija. Dawn is-seba' djakni kienu; Stiefnu, Filippu, Prokoru, Nikanor, Timon, Parmena u Nikola. (ara Atti:6). L-ewwel minn dawn kien San Stiefnu, bniedem mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu. Hekk kompla jiġri fil-knisja ta' Ruma kważi 250 sena wara, meta inħatru 7 djakni oħra u l-ewwel minn dawn kien San Lawrenz.

**Ġesù huwa l-akbar Djaknu u eżempju tagħhom ilkoll.**
Il-Knisja fid-djakni ssib eżempju ta' dak l-Imgħallem li ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi. Ġesù qabel kull djaknu ieħor huwa id-Djaknu per eċċelenza fejn kemm meta ħasel riġlejn id-dixxipli u speċjalment fuq is-salib, wera biċ-ċar kif għandu jkun id-djaknu. Id-djaknu irid ikun ix-xhud ta' dak l-Imgħallem li ma beżax mir-regola tal-ħabba tal-qamħ li taqa' fl-art u tmut, biex ma tibqax weħidha imma tagħmel ħafna frott (ara Ġw 12, 24).
Id-djakonat mhux telgħa ta' dinjità, ta' suppervja u ta' frugħa, imma huwa niżla lejn dak l-abbiss fejn il-qaddej jinżel biex jaħsel saqajn ħutu. Hija l-ewwel tarġa. Min jipprofondixxi f'dan il-ministeru tad-djakonat jibda nieżel it-taraġ tal-qadi u l-Mulej jiggwida hu. Għaliex id-djaknu irid jiltaqa' Miegħu, (ma' Ġesù) u lilu jsib fil-fqir, fil-batut, f'dak li hu stess isemmi meta jgħid: "dak li għamiltu mal-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi". Il-Papa jinsab fil-qiegħ nett ta' dan it-taraġ biex almenu jara mill-qrib il-kallijiet u jieħu ħsiebhom. Hekk għamel San Lawrenz tant li l-foqra u l-batuti kien sejħilhom bħala t-teżori tal-Knisja. Għal Lorenzu joqgħod tajjeb ħafna l-kliem ta' Ġesù meta qal; "Jekk xi ħadd irid jaqdini, dan għandu jimxi warajja u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi" (Ġw 12, 26).

**San Lawrenz mexa fuq l-eżempju ta' Sidna Ġesù Kristu.**
San Lawrenz bħala d-djaknu kien jieħu ħsieb ipoġġi l-balzmu li jġib is-serħan kull fejn ra li hemm ferita. San Lawrenz bħala djaknu għex il-Kelma u ta xhieda tagħha, u permezz tiegħu in-nies kienu jiltaqgħu ma' Ġesù. San Lawrenz bħala djaknu għamilha faċli biex jiftaħ beraħ il-bieb tal-Qalb ta' Ġesù għan-nies.
Dan huwa San Lawrenz, li jgħallimna li djaknu aktar milli jkun ***djaknu permanenti,*** irid ikun ***permanentement djaknu,*** li tfisser qaddej tal-ħniena għal ħajtu kollha. Il-ministeru tad-djakonat ma jiżvintax mal-presbiterat, imma huwa għerq profond tal-ministeru li jagħti togħma lis-saċerdozju. U dan jgħallimna Lorenzu tagħna, li nkunu appostli tal-Ħniena t'Alla.

**O Alla int ħeġġiġt bi mħabbtek lil San Lawrenz, qaddej kbir u fidil tal-knisja tiegħek, li kiseb il-glorja bil-martirju, agħmel li ngħożżu dak li huwa ħabb u nimxu fuq it-tagħlim li tana.**
**Bi Kristu Sidna. Amen.**

**Viva l-Levita Martri Lorenzu Tagħna.**
**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULLĦADD.**

# Xogħol, Proġetti u attivita' li ma' taqta xejn

*minn Simon Farrugia, Segretarju*

Għaddiet sena oħra minn fuqna fejn ta' min jinnota b'sodisfazzjon li wara l-ftuħ mill-ġdid tal-każin fis-6 ta' Ġunju, bdejna ġejjin lura għan-normalita. Fil-fatt b'mod partikolari mal-bidu tas-sena l-ġdida r-ritmu tal-attivita żdiedet filwaqt li finalment kellna l-aħbar li minn April kollox seta' jsir bħalma kien fl-2019. U hemm ħarsitna daret fuq il-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u ovvjament dawk tal-Patrun tal-Belt Rebbieħa, San Lawrenz.

Wara l-Festa li għaddiet il-Kumitat ippjana programm ta' xogħol bil-prijoritajiet skont il-bżonn u l-urġenza. Inbidel xi madum antik li hemm fil-loġġa fejn dan kellu jiġi ordnat peress li huwa madum partikolari. Wara sar l-għorik tal-art tal-loġġa qabel is-Sala tal-Presidenti.

Sar xogħol estensiv fuq l-arblu l-kbir tal-każin. Fil-fatt dan tniżżel minn postu wara l-Festi tal-Għid biex inbeda xogħol ta' manutenzjoni fuqu. Apparti minn hekk saret kruċċetta ġdida għalih fuq disinn ta' Albert Borda. Ix-xogħol sar minn John Attard flimkien ma' Lawrence Farrugia, Noel Gauci u xi membri oħra tal-Kumitat.

Inżebagħ ukoll l-arblu tat-turretta filwaqt li sar dawl ġdid fiċ-ċinta tal-bitħa. Sar ukoll xogħol fuq l-art tat-terrazzin li hemm fuq il-bitħa. Saru sett purtieri għal kuljum għat-tieqi li tinsab fl-ewwel sular u li tagħti fuq il-bitħa.

Għall-festi speċjali li ser isiru din is-sena fl-okkażjoni tal-100 sena mix-xiri ta' Palazzo Huesca saret bandiera ġdida tad-Duka fejn din ser tiżżanżan nhar il-Ħadd 17 ta' Lulju. Qed issir ukoll Bandiera Maltija ġdida. Fir-rigward tax-xogħol tal-ħjata grazzi lil Doris u Anthony Callus kif ukoll Albert Borda.

Ġie finalizzat il-proġett tal-box files għas-Sala tal-Kunċerti fejn issa l-mużika tinsab kollha katalogata. Saru libretti ġodda tal-Christmas Carols.

Għall-okkażjoni tal-Festi tal-Ġimgħa l-Kbira ntramat mill-ġdid il-wirja 'Ġetsemani' fis-sular t'isfel ta' Palazzo Huesca. Sar pavaljun ġdid għall-gallerija tal-bitħa filwaqt li ġie finalizzat il-pavaljun tal-faċċata.

Twaħħlet linfa ġdida fil-kurutur ta' quddiem l-arkivju filwaqt li ġew restawrati numru ta' brazzi. Dan ix-xogħol sar b'mod volontarju minn Giovann Raggio.

Kienu diversi l-fondi governattivi li kwalifikajna għalihom fejn mill-iskema VOPS ġibna fondi sabiex isir ktieb fuq Palazzo Huesca u affarijiet oħra relatati. Tkompla l-proġett tat-tablets fejn issa daħal fl-aħħar fażi tiegħu.

Mill-proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ inxtraw numru ta' tools, tranġaw xi strumenti u nxtraw oħrajn ġodda wkoll. Apparti minn dan żdied għalliem mużikali ieħor biex issa s-set up tal-iskola tal-mużika hija dik li s-Surmast huwa l-Kap tal-Iskola, b'għalliem tal-brass, woodwind, percussion kif ukoll Kids club. Dan kompla b'hekk juri l-impenn tal-Kumitat li jkompli jinvesti aktar fit-tfal tagħna. Ta' min jinnota li din is-sena ser ikunu qed jingħaqdu mal-banda seba' bandisti ġodda.

Ġibna wkoll fondi mill-fondazzjoni Kottonera sabiex isir perspex quddiem il-vetrini tas-Sala tal-Arkivju. Dan biex ikompli jipproteġi dan il-wirt imprezzabbli. Proġett li għadu għaddej fejn konna qed nittamaw li jkun lest għal din is-sena iżda għadu mhux lest huwa dak tal-lift u t-toilet li ser jinbena fuq il-bejt. Dan għaliex għadna qed nistennew li joħorġu l-permessi neċessarji.

Dan minbarra l-attivitajiet l-oħra li kellna matul is-sena li għaddiet kif tistgħu taraw hawn taħt.

**LULJU 2021**
Is-Sibt 24 ta' Lulju – Ikla Familjari tal-Festa f'Palazzo Huesca.

Is-Sibt 31 ta' Lulju – Titħabbar il-mewt tal-ex assistent Surmast Pawlu Buttigieg. Filgħaxiha sar Kunċert ta' Marċi Ferrieħa fuq il-Bejt ta' Palazzo Huesca li ħabat mal-mota li kienet qed tilqa' l-ftuħ tal-Festi 2021

# Soċjetà Mużikali San Lawrenz
## *Belt Vittoriosa*

**AWWISSU 2021**
Il-Ħadd 1 t'Awwissu – Akkademja Mużikali fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-proġett tal-pittura tal-koppla.



It-Tnejn 2 t'Awwissu – Fl-okkażjoni ta' Jum l-Għaqdiet saret Quddiesa ta' ringrazzjament bis-sehem tal-Banda.
It-Tlieta 3 t'Awwissu - Żjara f'Palazzo Huesca mill-Onorevoli Oliver Scicluna. Huwa ġie mdawwar madwar dan il-Palazz uniku fejn fi tmiem din iż-żjara ppreżenta donazzjoni lis-Soċjeta.



Is-Sibt 7 t'Awwissu - 'Vittoriosa in Festa', Programm Vokali u Strumentali, bis-sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz. 'Pop Concert' mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz fejn waqt l-istess attivita ġiet organizzata l-Ikla tal-Festa.

Bħala parti minn din l-attività ġiet inawgurata Pittura ġdida f'Palazzo Huesca , xogħol l-artist ċelebri l-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi, xogħol fl-injam tal-aħwa Julius u Charles Sacco u indurata ta' John Pace.

Il-Ħadd 8 t'Awwissu – L-Antiviġilja. Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem f'attivita fil-Pjazza tal-Birgu bil-preżenza tal-istatwa ta' San Lawrenz jaghti d-dawl lill-għomja fost briju kbir mill-partitarji Palmiżi.

It-Tnejn 9 t'Awwissu – Lejliet il-Festa – Le Perseidi. Attività bis-sehem ta' Christian Arding u Ludwig Galea fejn intwerew diversi filmati relatati mal-Festa ta' San Lawrenz.

L-Onorevoli Stephen Spiteri, membri tas-Soċjeta żar Palazzo Huesca fejn ġie milqugħ mill-President u l-membri tal-Kumitat u mdawwar madwar dan il-Palazz.

It-Tlieta 10 t'Awwissu – Il-President u l-membri tal-Kumitat attendew ghall-Quddiesa Solenni ta' Jum il-Festa. Wara fis-1:00pm saret ikla tal-Festa fid-Don Berto Restaurant. Filgħaxija sar spettaklu tal-logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir.

Il-Ġimgħa 27 t'Awwissu – Saret Ikla ta' ringrazzjament għal dawk kollha li kienu t'għajnuna matul is-sena



**SETTEMBRU 2021**
It-Tlieta 7 ta' Settembru – L-istoriku George Agius, kontributur ewlieni tal-Leħen is-Soċjeta Mużikali San Lawrenz ingħata l-unur ta' Ġieħ il-Birgu mill-Kunsill Lokali.

Il-Ġimgħa 17 ta' Settembru – Saret Ikla Familjari f'Don Berto Restaurant, Vittoriosa Waterfront.

**OTTUBRU 2021**
Mill-1 sal-10 t'Ottubru – Master Classes fil-

Każin għal sezzjonijiet differenti bħala parti mill-proġett 'Living the Music' u ffinanzjat mill-iskema VOPS.



It-Tnejn 8 t'Ottubru – Is-Soċjeta Mużikali San Lawrenz ġiet ippreżentata bl-'Innu Kottonera' komposizzjoni tas-Surmast Ray Sciberras f'ċerimonja li saret fl-uffiċċju tal-Fondazzjoni Kottonera.

Is-Sibt 23 t'Ottubru – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tellgħet 'The Birgu Autumn Concert' fi Pjazzetta San Filippu. Dan il-programm ittella bħala parti mill-proġett 'Living the Music' u ffinanzjat mill-iskema VOPS.

**DIĊEMBRU 2021**
Is-Sibt 11 ta' Diċembru – Saret l-Ikla Tradizzjonali tal-Milied għall-Membri, Bandisti u Ħbieb fis-swali prinċipali ta' Palazzo Huesca.

Is-Sibt 18 ta' Diċembru – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tellgħet Kunċert fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa bħala parti mill-attivita Birgu by Christmas Lights organizzata mill-Kunsill Lokali Birgu.

Il-Ġimgħa 24 ta' Diċembru – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem fil-proċessjoni bil-Bambin tal-Milied, li kienet organizzata miċ-Ċentru tat-Tagħlim, b'daqq ta' diversi Innijiet tal-Milied minn quddiem Palazzo Huesca.

**JANNAR 2022**
Il-Ħadd 16 ta' Jannar – Ġiet organizzata Membership Day f'Palazzo Huesca. Kull membru li ħallas il-menswalita ngħata Desk Diary u Biro tas-Soċjeta.

Fl-istess ġurnata tnieda l-logo uffiċċjali tal-Festa 100 Sena mix-xiri ta' Palazzo Huesca, disinn ta' Adrian Vella bl-assistenza ta' Andre Gatt.

Is-Sibt 22 ta' Jannar – Il-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali organizzat 'Torti Delivery Night'.

Il-Ħadd 23 ta' Jannar – Il-Programm tal-Radju fuq Net FM 'Marċi u Bandalori' kien dedikat kollhu kemm hu lill-Banda Vittoriosana San Lawrenz.




**FRAR 2022**
Il-Ġimgħa 4 ta' Frar – Żjara mill-E.T. il-Kardinal Peter Turkson f'Palazzo Huesca fejn fost l-oħrajn bierek u inawgura l-banner li jfakkar il-100 sena mix-xiri tal-Palazz.

Il-Ġimgħa 17 ta' Frar – Sar ir-recording tas-CD tal-marċi funebri.

Il-Ħadd 20 ta' Frar – Saret Laqgħa Ġenerali Mista għall-Bandisti u Membri Propjetarji, Bandisti u Membri tas-Soċjeta fejn inqraw ir-Rapport Amministrattiv u Finanzjarju.

Il-Ġimgħa 25 ta' Frar – Saret il-finali tal-kompetizzjoni tas-Snooker Centenary Cup li ntrebħet minn Marco Zammit li fil-finali għeleb lil Walter Attard.

**APRIL 2022**

Il-Ħadd 3 t'April – Is-Soċjeta Mużikali San Lawrenz f'luttu hekk kif tithabbar il-mewt tal-ex President tas-Soċjeta Lawrence V. Farrugia.

L-Erbgħa 6 t'April – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem b'daqq ta' marċi funebri fil-funeral tal-ex President u President Onorarju tas-Soċjeta s-Sur Lawrence V. Farrugia.

Il-Ħamis 7 t'April – Programm Funebru 'Per Crucem Tuam' fil-Kolleġġjata ta' San Lawrenz. Dan il-Programm ġie dedikat lill-mibki imma qatt minsi l-ex President Lorry Farrugia.



Il-Ġimgħa 15 t'April – Is-servizz tal-Banda fl-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ma' jsirx peress li l-purċissjoni tithassar minħabba l-maltemp.

Il-Ħadd 17 t'April – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ferrħet lill-eluf ta' nies li ġew il-Birgu għall-Festa tal-Irxoxt.

**MEJJU 2022**

Is-Sibt 7 ta' Mejju – One Day Snooker Tournament fil-każin li ntrebaħ minn Lawrence Farrugia li fil-finali għeleb lil Leli Degiorgio.



It-Tlieta 24 ta' Mejju – Marċ brijuż mill-Banda tal-Birgu fl-okkażjoni tal-Mota tal-Erbgħat fejn akkumpanjat l-istatwa ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja madwar it-toroq tal-Belt Vittoriosa.

L-Erbgħa 25 ta' Mejju – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz għamlet marċ qasir mill-Pjazza sa' fuq iż-żuntier fejn daqqet Innijiet hekk kif l-istatwa titulari ta' San Lawrenz inġarret proċessjonalment lejn il-bieb tal-Knisja.

**ĠUNJU 2022**

Is-Sibt 11 ta' Ġunju – Marċ u Programm mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz fil-Festa ta' San Filep, Żebbuġ.

Il-Ħadd 12 ta' Ġunju – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz akkumpanjat lit-tfal tal-ewwel tqarbina miċ-Ċentru tal-katekiżmu sal-Parroċċa fejn irċevew l-ewwel tqarbina.

Is-Sibt 18 ta' Ġunju – Saret fanfarra waqt il-purċissjoni ta' Corpus.  Ikla Familjari fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju – Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem fil-Festa tal-Qalb ta' Ġesu.

Is-Sibt 25 ta' Ġunju – Marċ u Programm mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz fl-okkażjoni tal-Festa bla Tebgħa ta' Marija f'Burmarrad.

# Kumitat Ċentrali 2021/2022



# Sitt Bandisti Ġodda mal-Banda Vittoriosana San Lawrenz



Għall-okkażjoni tal-Festa 2022 sitt bandisti ġodda li tħarrġu fl-iskola tal-Mużika tas-Soċjeta' Mużikali San Lawrenz ser ikunu qegħdin jingħaqdu mal-Banda.

**Quddiem mix-xellug għal-lemin:-** Thomas Farrugia (Għalliem perkussjoni), Melanie Mizzi (Għalliema Woodwind), Mro. Jonathan Abela (Surmast Direttur u Kap Skola tal-Mużika), Reno Cassar (Għalliem Brass), Roberta Pisani Mercieca (Għalliema Kids Music Centre)

**Fuq wara mix-xellug għal-lemin:-** Karl Gauci, Nathan Abela, Cayden Spina (Clarinets), Aiden Balzan, Daniel Farrugia, Christian Sammut (Trumpets)

# Programm mis-Soċjeta` Mużikali Banda Vittoriosana San Lawrenz u tal-Festa San Lawrenz 2022 Patrun tal-Belt Vittoriosa

**L-Erbgħa 31 ta' Lulju – Mota tan-Novena**
Fid-9pm Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tagħmel il-Marċ tal-Mota tan-Novena b'daqq ta' marci ferrieħa madwar it-toroq tal-Belt Rebbieħa.

**It-Tnejn 1 t'Awwissu**
Fis-6.30pm Jum l-Għaqdiet - L-ewwel ġurnata tal-Novena bis-sehem tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz

**L-Erbgħa 3 t'Awwissu**
Fit-8.00pm Riċeviment tal-Festa f'Palazzo Huesca għall-mistiedna distinti, membri u benefatturi tas-Soċjeta`.

**Il-Ħadd 4 t'Awwissu**
Fil-5.00pm Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz takkumpanja l-purċissjoni tat-tfal bl-istatwa żgħira ta' San Lawrenz li toħroġ miċ-Ċentru tal-Katekiżmu.

**Is-Sibt 6 t'Awwissu**
Fit-8.00pm Marċ mill-Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ madwar it-toroq tal-Belt Vittoriosa. Fi tmiem il-Marċ 'Laser Show' u spettaklu kbir li jinkludi logħob tan-Nar. Attivita` organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi.

**Il-Ħadd 7 t' Awwissu**
Fit-8.15pm Marċ mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz minn Triq il-Mina l-Kbira sal-Pjazza tal-Belt Vittoriosa fejn wara tesegwixxi l-Kunċert 'Vittoriosa in Festa' bit-tema 'Around the World in 80 minutes bis-sehem ta' diversi kantanti u animazzjoni oħra.

**It-Tnejn 8 t' Awwissu – Antiviġilja**
Fl-10.00am il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tibda marċ minn quddiem Palazzo Huesca li jintemm għall-ħabta ta' nofsinhar quddiem il-Każin tas-Soċjeta.

Fid-8.45pm il-Banda Vittoriosana San Lawrenz takkumpanja l-istatwa ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lill-Għomja mat-toroq prinċipali tal-Belt Vittoriosa fejn għall-ħabta ta' nofsilejl isir it-tlugħ tal-istatwa fuq il-Kolonna.



Fid-9.15pm il-Filarmonika Nazionale 'La Valette' tal-Belt Valletta tesegwixxi Programm Mużikali fuq il-Planċier Artistiku fi Pjazza tal-Belt Vittoriosa. Wara tagħmel marċ fejn tingħaqad mal-Banda Vittoriosana San Lawrenz sabiex takkumpanja d-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja.

**It-Tlieta 9 t' Awwissu – Lejliet il-Festa**
Fid-9.00am Buffet Breakfast organizzat mill-Kummissjoni Banda għall-bandisti, membri u partitarji tas-Soċjeta`.

Fl-10.30am Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' Te Deum fost il-briju kbir tal-partitarji Pamiżi.

Filgħaxija Marċi u Programmi mill-Banda San Leonardu, Kirkop u mill-Banda San Ġużepp, Kalkara.

Mill-10.00pm 'il quddiem spettaklu tal-logħob tan-nar fil-Port il-Kbir mill-Għaqda Piroteknika 10 t'Awwissu – La Notte di San Lorenzo.

**L-Erbgħa 10 t' Awwissu – Festa Liturġika ta' San Lawrenz**
Fit-8.30am il-Banda Vittoriosana San Lawrenz tibda marċ minn quddiem Palazzo Huesca fejn tilqa liċ-ċelebrant tal-Pontifikal fid-daħla tal-Belt Vittoriosa u twasslu sal-Knisja ta' Santa Skolastika fejn minn hemm jibda l-Pontifikal Solenni.

Fid-9.30am il-President u membri tas-Soċjeta` Mużikali San Lawrenz jattendu għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Festa Liturġika ta' San Lawrenz.

Filgħaxija Marċi u Programmi mill-Banda Cittadina 'King's Own' tal-Belt Valletta, il-Banda Anici ta' Ħal-Qormi u l-Banda De Paule, Raħal Ġdid. Baned mistiedna tal-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz.

Fis-7.30 p.m. Ħruġ tal-Proċessjoni bl-istatwa ta' San Lawrenz Padrun tal-Belt Rebbieħa.

**Il-Ħamis 11 t' Awwissu – L-Għada tal-Festa**
Bejn id-9.00pm u l-11.00pm Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz takkumpanja l-istatwa ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lill-Għomja minn fuq il-kolonna sal-Oratorju ta' San Ġużepp.

---

# Programm tal-Festi Speċjali fl-okkażjoni mill-100 sena mix-xiri ta' Palazzo Huesca

**Il-Ġimgħa 15 ta' Lulju** – Fis-7.00pm ftuħ uffiċċjali ta' 'Wirja Lawrenzjana' f'Palazzo Huesca. Fit-8.00pm Ikla Familjari

**Is-Sibt 16 ta' Lulju** – Fis-7.00pm Akkademja Mużikali mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz fil-Kolleġġjata

**Il-Ħadd 17 ta' Lulju** – Fil-11.00am Inawgurazzjoni ta' Bandiera Ġdida bl-arma tad-Duka ta' Edinburgh. Wara Red Gathering f'Palazzo Huesca

**It-Tnejn 18 ta' Lulju** – Fit-8.00pm Tnedija tal-USB ta' Marċi Briju̇żi li saret fl-okkażjoni ta' dawn il-Festi Speċjali.

**It-Tlieta 19 ta' Lulju** – Fis-7.00pm Marċ mill-Banda Vittoriosana San Lawrenz fejn fit-8.00pm tilqa lill-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika George Vella. Kxif ta' Irħama kommemmorattiva u riċeviment fis-Sala tal-Presidenti f'Palazzo Huesca.



# Tagħrif mill-Kċina

*minn MaryRose Gauci*



### *MENU MINN MADWAR ID-DINJA – SPANJA*

## Gazpacho tad-dulliegħ



***Ingredjenti***
3 tadamiet kbar
Nofs bżaru aħdar
Sinna tewm
½ basla
250 gr Dulliegħ
Melħ
Żejt
2 kuċċarini ħall aħmar
Weraq tan-nagħniegħ

***Metodu***
Aħsel u qatta' t-tadam, il-bżaru aħdar, t-tewm u l-basla f'biċċiet kbar. Wara itfagħhom ġo blender u ħawwad kollox flimkien. Għaddi t-taħlita minn passatur biex tneħħi ż-żerriegħa u l-qxur tat-tadam.
Erġa' itfa' din it-taħlita tat-tadam ġol-blender u żid id-dulliegħ li tkun qattajt f'kubetti u biż-żerriegħa mneħħija. Wara li tħan kollox żid ftit melħ u ħall kemm tiggosta. Fl-aħħar żid ukoll iż-żejt, ara li jkun ta' kwalità tajba. L-aħħar tidwira tal-blender, żid il-kubetti tas-silġ u n-nagħniegħ.
Servi ġo reċipjenti mkessħin u tista' sservi wkoll dulliegħ imqatta' jew bżaru aħdar mqatta' fil-wiċċ.

---

## Paella

***Ingredjenti:***
Ftit żejt taż-żebbuġa
500gr sider tat-tiġieġa
200gr bacon imqatta'
Basla mqatta' fina
Tewma
3 tadamiet imqaxxra u mqatta' rqaq
Bżaru aħmar mqatta' rqiq
½ kuċċarina paprika
200gr piżelli tal-friża
300gr gambli bil-qoxra
Ftit tursin
400gr maskli bil-qoxra
2 kikkri ross long grain (imxarrab għal siegħa fl-ilma kiesaħ)
Meraq ta' lumija
żafran fi ftit misħun
cube tat-tiġieġa
melħ u bżar



***Metodu:***
Saħħan iż-żejt sewwa fuq nar moderat, żid il-biċċiet tat-tiġieġ u l-bacon u aqli. Ħawwad minn ħin għal ieħor. Poġġi t-tiġieġ u l-bacon fi platt u żommhom sħan. Fl-istess taġen aqli l-basla u t-tewma, żid it-tadam imqatta', l-bżar, melħ u paprika. Ħawwad spiss sakemm tara li ġiet zalza magħquda. Żid 2 kuċċaruni brodu tat-tiġieġa (cube fil-misħun) u r-ross. Ħawwad spiss sakemm tara li r-ross sar, żid il-meraq tal-lumija u ż-żafran. Ħallih jagħli u itfa' l-bżar imqatta'. Żid l-affarijiet l-oħra u kompli sajjar sakemm l-ilma jinxtorob kollu u r-ross ikun sar. Baxxi n-nar, żid il-piżelli, it-tiġieġ u l-bacon. Ħallih isir għal xi kwarta. Servi billi troxx it-tursin fil-wiċċ.

---

## Sangria

***Ingredjenti***
Tuffieħa mqatta' slajsis irqaq
150gr pineapple
2 larinġiet mqatta' roti rqaq
2 mgħaref zokkor
150gr għeneb friżat
120ml brandy
120ml likur tal-larinġ (Gran Marnier)
180ml meraq tal-pineapple
8 weraq tan-nagħniegħ
2 bsaten tal-kannella
1 star anise
Litru u nofs inbid abjad sparkling
Kubetti tas-silġ



***Metodu***
Ġo reċipjent kbir ħallat it-tuffieħ, il-larinġ u l-pineapple. Fuqhom itfa' 2 mgħaref zokkor u ħallihom joqogħdu għal għaxar minuti. Żid il-brandy, l-likur tal-larinġ, il-meraq tal-pineapple, nagħniegħ u l-ħwawar. B'wara tal-imgħarfa tal-injam itħan ftit il-frott u n-nagħniegħ. Kessaħ din it-taħlita għal madwar siegħa.
Qabel isservi żid l-inbid abjad li jkun imkessaħ minn qabel. Żid ukoll l-għeneb friżat u ħawwad flimkien. Servi permezz ta' kuċċarun go tazzi mimlijin bis-silġ jew go pitcher nofsu mimli bis-silġ.

# Ludovico Maria Enrico Einaudi

***jikteb Christopher Pisani - Arkivista***

Jien u nikteb dan l-artiklu, qed ninduna li diġà wasalna fir-raba’ Erbgħa ta’ San Lawrenz. Kważi nofshom ġewwa. Attenti, għax jekk tagħlqu għajnejkom, tafu ssibu ruħkom fil-marċ tal-mota tal-31 ta’ Lulju! Tal-biża’ kif qed jgħaddi ż-żmien. Qisu 24 siegħa mhux biżżejjed. Imma iva… il-festa reġgħet waslet. Qedha magħna! Diġà rajna lil San Lawrenz taħt in-nava… imma jkun isbaħ mal-pilastru tal-koppla majestuża bil-libsa tal-festa u l-knisja armata! Diġà rajna lil San Lawrenz jagħti d-dawl lil għomja jdur mat-toroq ta’ beltna… imma jkun isbaħ meta wara li jdur mat-toroq jitla fuq il-kolonna biex isebbaħ in-naħa ta’ fuq tal-Birgu u jfakkar li l-Birgu hu ta’ San Lawrenz, u San Lawrenz hu tal-Birgu! Diġà rajna lil San Lawrenz fil-bieb tal-knisja… imma jkun isbaħ kieku joħroġ mill-bieb, jgħaddi mit-toroq tagħna bħala barka tiegħu u tiġdid tat-twemmin tagħna f’Alla bl-interċessjoni tiegħu, u wara narawh jerġa jitfaċċa fil-bieb tal-knisja bil-poplu Vittorjożan jistennih ħerqan biex indoqqulu l-antifona ċelebri tal-kanonku Fenech! Għax hekk ikun sabiħ il-Birgu… imlibbes b’ilbies rikk, b’San Lawrenz fit-toroq, u l-banda tal-Birgu ddoqq l-innijiet sinonimi mal-Birgu u l-festa li tgħamillu ġieħ! Nifhem li hawn min jagħlaq għajnejh ħalli la jara u lanqas jisma għax tuġgħu qalbu…. Irid imma ma jistax.



Is-soltu nlaqqakom ma’ kompożituri li l-fama tagħhom waslet s’għandna tul numru ta’ snin. Il-kompożitur li ser niltaqgħu miegħu huwa wieħed kontemporanju, għadu ħaj, u li jolqot numru ta’ nies bil-kompożizzjonijiet tiegħu speċjalment fuq il-pjanu.

Ludovico Maria Enrico Einaudi twieled f’Turin nhar it-23 ta’ Novembru tal-1955. Missieru, Giulio Einaudi kellu kumpanija tal-*printing* (Giulio Einaudi Editore) u ħadem ma’ ħafna awturi fosthom Italo Calvino u Primo Levi. Missier missieru, Luigi Einaudi, kien il-president tal-Italja bejn l-1948 u l-1955. Ommu, Renata Aldovandi kienet tħobb iddoqq il-pjanu lil Ludovico, wara li wirtet dan in-namur mingħand missierha Waldo Aldovandi li kien pianista, direttur mużikali, u kompożitur li emigra lejn l-Awstralja wara t-tieni gwerra dinjija.

Einaudi beda jikteb xi mużika ħafifa għal kitarra klassika ta’ ġuvnott li kien, iżda kompla l-istudji tiegħu ġewwa l-konservatorju Verdi ta’ Milan sakemm kiseb diploma fil-kompożizzjoni fl-1982. Fl-istess sena, huwa attenda wkoll xi lezzjoni tal-orkestrazzjoni mingħand Luciano Berio li swietlu *scholarship* f’*Tanglewood Music Festival*. Wara Berio, Einaudi għadda numru ta’ snin jikkomponi mużika tradizzjonali fosthom mużika orkestrali u numru ta’ siltiet *chamber music*. Minn dawn is-siltiet, huwa beda jieħu l-fama internazzjonali u saħansitra kien mistieden fit-teatri bħal Teatro alla Scala, *Tanglewood Music Festival*, *Lincoln Centre*, u *UCLA Center for Performing Arts* ġewwa California. Fil-bidu tas-snin 90, Einaudi xtaq jesplora ftit iktar il-mużika espressiva u personali. B’hekk għadda għal-kompożizzjonijiet għat-teatru u zfin b’siltiet bħal *Time Out*, *The Wild Man*, *Emperor*, u *Salgari*.

Iżda l-paga tiehdok fejn trid hi! Għalkemm l-istil tiegħu beda jintgħoġob, ix-xogħlijiet rikjesti minnu kienu xogħlijiet tradizzjonali għal-films. Fiż-żmien l-imgħoddi kien hemm l-opri, iżda llum il-ġurnata nsibu li l-films ħadu post l-opri. Dawn jinkludu *Da qualche parte in citta`* u *Acquario*. B’*Acquario*, Einaudi rebaħ il-*Grolla d’oro* għal-aqwa soundtrack. Però s-suċċessi ma waqfux. Ma’ Antonello Grimaldi, Einaudi ħadem fuq żewġ films, *Un delitto impossibile* u *Fuori del Mondo*, b’dan tal-aħħar ikun innominat għal-*Oscar Award*. Apparti hekk, Einaudi rebaħ il-premju *Echo Klassik* fil-Ġermanja fl-2002 għal istess film. Fl-2002, il-mużika tiegħu għall-film *Luce dei miei occhi* rebħitu l-premju għall-aqwa *soundtrack* fl-*Italian Music Awards*. Fl-2004, Einaudi rebaħ il-premju għal aqwa *soundtrack* għal-film *Sotto Falso Nome* fl-*Avignon Film Festival*. Il-lista ta’ siltiet mużikali tiegħu li intużaw fil-films ma’ tispiċċa qatt! Dawn jinkludu, *Due tramonti*, *Nuvole bianche*, *L’origine nascosta*, *Una Mattina*, u *Primavera*.



Einaudi ħareġ numru ta’ pubblikazzjonijiet personali ukoll. Fl-1992, Einaudi ħareġ is-CD *Stanze* li fiha numru ta’ siltiet fuq l-arpa. Fl-1996, huwa ħareġ CD oħra b’solijiet fuq il-pjanu bl-isem ta’ *Le onde*. Is-CD album *I Giorni* li ħareġ fl-2001, laqtet ħafna nies, tant li spiċċat fil-*UK Singles Chart* f’Ġunju tal-2011 fil-post numru 32. CD albums li Einaudi kellu suċċessi kbar bihom jinkludu, *La Scala Concert*, *Diario Mali*, *Una Mattina*, *Divenire*, *Nightbook*, *Elements*, *Seven days walking*, u *In a Time Lapse*. Einaudi frekwentament ikun mistieden madwar il-globu biex jgħati kunċerti kemm waħdu fuq il-pjanu, kif ukoll ma’ strumentalisti oħrajn li kellu suċċess magħhom fil-passat.

Niltaqgħa ma’ ħafna nies li jsemmu lil Einaudi, b’mod speċjali għall-fatt li l-mużika tiegħu titqies bħala waħda rilassanti, u li tintuża għal waqt l-istudju jew il-qari. Kultant, nifhem jien, tant kemm hi mgħaġġla d-dinja, li trid tkun il-mużika li tirrilassa lil bniedem. Il-mużika hija terapija, u jekk hawn ħafna li jisimgħu lil Einaudi u jirrilassaw, mela Einaudi laħaq objettivi mistura f’qalb u f’moħħ il-bniedem li ma jidhrux.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba. J’Alla li jmur kollox b’wiċċ il-ġid. J’Alla jkollna festa bħas-soltu… KBIRA! Forsi mhux se tarawni ħafna waqt l-attivitajiet minħabba raġunijiet personali li l-bambin għoġbu jibgħat! Għalhekk nitlob ħerqan biex San Lawrenz ikun magħna, mhux biss fit-toroq, mhux biss fuq fommna, imma jkun magħna jitlob għalina u jinterċedi quddiem Alla għalina.

VIVA L-BELT TA’ LORENZU!
VIVA L-BANDA TAL-BIRGU,
IL-BANDA SAN LAWRENZ!
VIVA SAN LAWRENZ TA’ QALBNA!

# Il-Birgu tul is-sekli
# It-tieni parti

### Ikompli mall-ħarġa ta’ Mejju - Ġunju 2022

*Kitba ta’ George Agius*

**Belt Kożmopolitana**
Fl-era tal-kavallieri, fil-Birgu kienu joqgħodu Maltin u barranin, ilsiera u baħrin, saċerdoti u reliġjużi, nies tas-sengħa u artiġġjani, negozjanti u prostituti, korteġġjani u suldati, nobbli u kavallieri, li flimkien ma’ nies oħra għamlu minn dan il-lokal, Belt tassew kożmopolitana, mimlija ħajja u kummerċ. Il-*Corso*u l-Arsenal kienu żewġ fatturi li għal ħafna snin ġabu magħhom kummerċ u prosperità fost in-nies tal-post u tal-madwar.

**Żmien il-Franċiżi**
Fi triqithom lejn l-Eġittu, f’Ġunju tal-1798, l-Franċiżi immexxija minn Napuljun Bonaparte ħadu f’idejhom dawn il-gżejjer. Fl-ewwel jiem tat-tmexxija Franċiża kien hemm numru ta’ bidliet, fosthom l-abolizzjoni tal-jasar, il-ħelsien tal-priġunieri politiċi, ix-xoljiment tat-tribunal tal-Inkwiżizzjoni, it-trażżin tal-privileġġi tal-aristokrazija, il-ħsibijiet progressivi proposti għall-edukazzjoni u t-tibdil fis-sistema tal-qrati. Huma qasmu lil Malta fi tnax-il distrett, bil-Birgu flimkien mal-bqija tal-Kottonera jiffurmaw il-muniċipalità tal-Lvant. Minkejja dawn il-bidliet progressivi, mhux kollox kien ward u żgħar, għaliex qabel ma’ Napuljun Bonaparte telaq minn Malta, huwa ngaġġa bil-forza numru ta’ baħrin mill-Birgu u mill-ibliet l-oħra tal-port. Din il-miżura ġabet skuntentizza kbira fost il-familji konċernati.

**L-arblu tal-Libertà**
Nhar l-10 ta’ Awwissu 1798, jum il-festa ta’ San Lawrenz, il-Franċiżi waqqfu fil-pjazza tal-Birgu l-Arblu tal-Libertà u saru diskorsi minn Vaubois, d’Angely u Bertis. Il-ġurnata magħżula ġiet meqjusa mill-Maltin u l-aktar mill-Vittoriosani bħala provokazzjoni lejn is-sentimenti reliġjużi tagħhom. Iżda l-akbar gwaj inqala meta l-Franċiżi dawwru ħarsithom fuq it-teżori tal-knejjes u ittantaw imissuhom, dan wassal biex il-Maltin jirvellaw kontrihom u jagħtu bidu għal Imblokk. B’hekk ħafna min-nies tal-Birgu, bħal dawk tal-Ibliet l-oħra tal-qrib, sabu ruħhom maqfula għal-sentejn sħaħ mis-swar il-ġewwa.

**Żmien l-Imblokk tal-Franċiżi**



Meta n-nuqqas ta’ ikel fl-Ibliet beda jgħafas ġmielu, dawk meqjusa bla utilità ġew mġiegħla jitilqu ’l barra. Dan wassal biex il-popolazzjoni fil-Birgu u fl-Ibliet l-oħra assedjati naqset drastikament. Wara li falla l-komplott ta’ Dun Mikiel Xerri u sħabu, Vaubois irritalja billi arresta lill-barklori kollha tal-Kottonera li nsertaw kienu l-Belt Valletta. Biex irażżnu tentattivi bħal dawn, il-Franċiżi ordnaw li jinħattu l-ħitan tas-sejjieħ kollha li kien hemm bejn il-fortifikazzjonijiet ta’ ġewwa u ta’ barra tal-Kottonera, biex dawn ma jservux ta’ kenn għal minn jattakka. Kien impost *curfew* strett u minn jinqabad fit-toroq kienu jisparawlu. It-tweghir tan-nies li baqgħu wara s-swar setgħa jitkejjel mill-faqar kbir li kienu fih u biex tkompli tgħaqqad, ma kien baqa’ l-ebda tabib wara s-swar tal-Kottonera ħlief it-tabib Pisani. Dan kollu baqa’ għaddej sa mal-Franċiżi ċedew u ħallew Malta, f’Settembru tal-1800.

**Żmien l-Ingliżi**
Wara tluq tal-Franċiżi, l-Ingliżi konxji mill-potenzjal strateġiku tal-Gżejjer Maltin, iddeċidew li jibqgħu hawn. Aktar tard permezz tat-trattat ta’ Pariġi tal-1814, dawn il-gżejjer saru uffiċjalment kolonja tal-Kuruna Ingliża. F’dawk iż-żminijiet il-qawwa navali tal-imperu Brittaniku kienet waħda fenomenali, għaldaqstant ma setgħax jonqos li bħala l-ħakkiema l-ġodda ta’ dawn il-gżejjer, huma jagħmlu l-aqwa użu mill-Port il-Kbir. Minħabba f’hekk il-Belt Marittima tal-Birgu bħal fi żmien il-kavallieri, għal darb’oħra imtliet bl-attività u rat żieda sostanzjali fl-impjiegi u fil-popolazzjoni. F’dik l-epoka n-nies tal-Birgu u l-madwar kienu qed jibbenifikaw mill-prosperità u l-kummerċ li din l-attività marittima kienet qed toħloq fl-inħawi, minkejja li xorta kien baqa’ minn jgħix fil-faqar. Fuq dan l-ilsien art fil-Port il-Kbir, dik il-ħabta kont issib konċentrazzjoni ta’ nies tas-sengħa, baħħara, tarznara u magħhom żdiedu wkoll dawk li jaħdmu mas-servizzi.



*Il-wasla tal-Francizi fil-Port il-Kbir*



*Il-Victualling Yard u Admirality House, fix-Xatt tal-Birgu tul il-ħakma Brittanika*

**L-ewwel Gwerra Dinjija**
Minħabba li sa mill-bidu tal-ħakma Ingliża, diversi reġimenti ġew stazzjonati fil-Kottonera, beda jinħass il-bżonn li l-membri ta' dawn ir-reġimenti jkollhom għas-servizz tagħhom, sptar fil-viċinanzi. Għalhekk għall-ewwel, l-Armerija tal-Ordni fil-Birgu ġiet ikkonvertita fi sptar militari. Iżda fl-1873, inbena sptar akbar fix-xaqliba Tal-Ħawli. Dan l-isptar kien strumentali waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija, għax għalkemm il-Gżejjer tagħna ma kienux milquta direttament, Malta kkontribwiet bis-sħiħ fil-kura tas-suldati midruba li kienu jinġabu minn barra. Huwa kkalkulat li matul il-Gwerra nġabu f'Malta madwar 125,000 suldat midrub, li wħud minnhom ġew ikkurati f'dan l-Isptar li qiegħed fil-konfini tal-Birgu.

**It-Tieni Gwerra Dinjija**
Jekk fl-ewwel Gwerra il-gżejjer Maltin ma kienux milquta direttament, ftit aktar minn għoxrin sena wara x-xenarju politiku dinji kien inbidel mhux ħażin. Il-mezzi tal-gwerra saru aktar qerrieda u dak li ħafna ħasbu u xtaqu, ċioè li Malta setgħet tibqa' barra, toffri l-għajnuna mingħajr ma tisfa attakkata, ma seħħx. Forsi għall-bidu seta' deher li kollox kien se jibqa' 'l bogħod minn xtutna, imma hekk kif fl-10 ta' Ġunju 1940, l-Italja Faxxista ddikjarat gwerra kontra l-alleati, u ngħaqdet mal-assi, mill-għada l-gwerra laqtet ukoll il-gżejjer tagħna. L-aktar postijiet milquta kienu dawk fl-inħawi tal-Port il-Kbir u dawk fil-qrib ta' qagħdiet strateġiċi oħra. Dan wassal għat-tluq ta' massa kbira ta' nies mill-Kottonera, biex isibu refuġju f'ibliet u rħula oħra. Tul is-snin tal-Gwerra, fil-Birgu ntilfu bosta ħajjiet, iġġarrfu palazzi, knejjes u djar filwaqt li nqerdu ħafna teżori tal-arti u dokumenti imprezzabbli.

**Wara l-Gwerra**
Il-gwerra ġabet magħha **ħerba** devastanti, iżda l-akbar impatt li din kellha fuq il-Birgu, kien l-e**żodu** ta' Vittoriosani li telqu minn belthom. Dan jaf il-bidu tiegħu għall-fatt li **ħafna** nies kienu kostretti joħorġu mill-Birgu minħabba l-periklu. **Ġara iżda li n**umru sinifikanti minn dawn ir-refuġjati, ma **ġew** lura qatt. Mat-tmiem il-gwerra saru sforzi kbar biex jerġa' jitella' l-bini mġarraf. Ir-rikostruzzjoni li saret, **għenet biex** xi uħud mit-toroq tal-Birgu saru ftit aktar aċċessibbli, għalkemm xi minn daqqiet xi **żviluppi li saru** mhux dejjem jirrispettaw il-karattru storiku ta' din il-Belt.

**Stigma soċjali**
Iżda jekk il-bini mġarraf, reġa' nbena u dak li ġarrab ħsarat bil-mod il-mod issewwa, ma nistgħux ngħidu l-istess għall-ħajja ċivili u reliġjuża fil-Birgu. L-effett tal-gwerra f'dan l-aspett kien qawwi tassew. Qabel il-gwerra r-riżors uman kien ħafna aktar b'saħħtu minn dak ta' wara. Il-popolazzjoni ta' din il-belt mill-gwerra 'l hawn, baqgħet dejjem nieżla u kull ma jmur issir aktar anzjana. Kien hemm żmien fejn ħafna djar fil-Birgu u fil-Kottonera ġew rekwiżizzjonati u ngħataw bħala akkomodazzjoni soċjali b'kera baxxa. Dan wassal biex fil-Kottonera nħolqot konċentrazzjoni ta' nies bi problemi soċjali. Din ir-realtà fi ftit tas-snin ikkawżat stigma fuq dawk kollha li kienu joqogħdu fit-tlett ibliet. Dan wassal biex aktar familji indiġeni komplew jitilqu u jmorru joqogħdu bnadi oħra.


*Il-ħerba li ħalliet it-Tieni Gwerra Dinjija fil-Birgu, It-Torri tal-Arloġġ mħarraf*

**Taqlib Soċjali u politiku**
Fi snin ta' wara l-gwerra, Malta kellha tesperjenza taqlib soċjali, ekonomiku u politiku li fih in-nies ta' madwar il-Port, ħafna drabi kienu l-protagonisti. Missirijietna ħassew li kien wasal iż-żmien li Malta ma tibqax aktar maħkuma mill-barrani u bdiet il-ħidma għall-kisba tal-Indipendenza. Din waslet fil-21 ta' Settembru 1964, madwar għoxrin sena mit-tmiem tal-Gwerra f'pajjiżna. Iżda minkejja li l-gżejjer tagħna saru indipendenti, iċ-ċirkustanzi kienu jitolbu li fis-snin ta' wara, Malta tkompli sservi ta' bażi militari Ingliża. Fit-13 ta' Diċembru 1974, il-parlament Malti ivvota biex il-kostituzzjoni Maltija ssir waħda Repubblikana. L-għeluq tal-bażi militari Ingliża mir-Repubblika ta' Malta seħħ, nhar il-31 ta' Marzu tal-1979. Dakinhar l-aħħar post li l-Ingliżi telqu minn idejhom, kien il-Forti Sant'Anġlu. Minnu ħareġ l-aħħar stakkament ta' Morini, qabel ma dawn telgħu abbord fuq RFA Sir Lancelot, li kien sorġut fix-xatt tal-Birgu. Iċ-ċerimonja tal-inżul tal-bandiera Ingliża u tlugħ tal-Bandiera Maltija saret fuq l-Għolja tal-Ħelsien, fix-xatt tal-Birgu.

**Qawmien**
Fl-aħħar deċenji, l-imħabba tal-Vittoriosani għal Belthom wasslet biex xprunat inizjattivi ta' qawmien u trasformazzjoni. Bil-mod il-mod, grazzi għal amministrazzjonijiet u anke għan-nies tal-Birgu, aktar ma beda jgħaddi żmien, aktar


*L-isptar Tal-Kottonera (St. Edwards) li fih ġew ikurati il-feruti tal-Ewwel Gwerra Dinjija (1)*



*RFA Sir Lancelot, li kien sorġut fix-xatt tal-Birgu li fuqu telgħu abbord l-istakkament li ħareġ minn Sant Anġlu.*

beda jinholoq sens ta' kuxjenza biex jiġi rrestawrat u mhares il-partimonju storiku li tippossjedi din il-Belt. Il-koperazzjoni tal-Vittoriosani mal-Kunsill tagħhom għenet mhux ftit biex din il-Belt, minn waħda mistkerha, saret waħda mid-destinazzjonijiet li tgawdi l-ammirazzjoni tal-Maltin, kif ukoll tal-barranin.

**Il-Birgu tal-Futur**

Għalkemm fl-aħħar għexieren tas-snin il-Birgu għamel passi ta' ġgant 'il quddiem f'dak li hu restawr u tisbiħ u sar destinazzjoni turistika, il-futur **ċiviku** ta' din il-Belt huwa mċajpar. L-akbar sfida li l-Birgu **għandu illum**, hija dik li filwaqt li jkompli jtejjeb il-prodott turistiku u kummerċjali, jibqa' jkollu familji **żgħażagħ** jgħixu fih. B'hekk dawn ikomplu jagħmlu mill-Birgu Belt ħajja u ċelebrattiva u mhux Belt fantażma, għax il-vera ruħ tal-Birgu qiegħda f'niesu.

1 Liam Gauci, In the Name of the Prince, Heritage Malta, 2016, p. 16.
2 Joseph Muscat, The Arsenal, Birgu – A Maltese Maritime City, Malta University Services Ltd, 1993, Vol 1. pp. 323-324.
3 Lino Bugeja, Mario Buhagiar & Stanley Fiorini, Introduction, Birgu – A Maltese Maritime City, Malta University Services Ltd, 1993, Vol 1. pp.9-11.
4 Lino Bugeja, Mario Buhagiar & Stanley Fiorini, Introduction, Birgu – A Maltese Maritime City, Malta University Services Ltd, 1993, Vol 1. p. 11.
5 Dominic Fenech, Birgu during the British Period, Birgu – A Maltese Maritime City, Malta University Services Ltd, 1993, Vol 1. pp. 129-130.
6 Dominic Fenech, Birgu during the British Period, Birgu – A Maltese Maritime City, Malta University Services Ltd, 1993, Vol 1. p. 135
7 Dominic Fenech, Birgu during the British Period, Birgu – A Maltese Maritime City, Malta University Services Ltd, 1993, Vol 1. p. 146.
8 The Portal, Poster Dwar it-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija, ippublikat minn Heritage Malta, fl-2018.
9 George Agius, San Lawrenz Maħbub u Meqjum fi żmien il-Gwerra, 2019, pp.21-22
10 George Agius, San Lawrenz Maħbub u Meqjum fi żmien il-Gwerra, 2019, pp.34-38
11 George Agius, Diskors fl-okkażjoni ta' Jum il-Birgu, 2015.
12 George Agius, Diskors fl-okkażjoni ta' Jum il-Birgu, 2015.
13 Malta the Great Story of a small Island-Nation through 100 Objects, Exhibition Catalogue, Heritage Malta, 2014, p. 124.
14 Malta the Great Story of a small Island-Nation through 100 Objects, Exhibition Catalogue, Heritage Malta, 2014, p. 125.
15 Malta the Great Story of a small Island-Nation through 100 Objects, Exhibition Catalogue, Heritage Malta, 2014, p. 126.
16 Matthew Balzan, The Heritage Malta Official Guide to Fort St Angelo, 2022, p.67.
17 George Agius, Diskors fl-okkażjoni ta' Jum il-Birgu, 2015.

# Lawrence Farrugia Tifkiriet, fehmiet u anedotti

*minn Paul Micallef*

Għal din l-edizzjoni ta' din in-newsletter li tista' tissejjaħ bħala ħarġa speċjali naturalment biex tfakkar il-memorja tal-ex President Lawrence Farrugia ħsibna xi ħaġa differenti. Minflok is-solita intervista li jien nagħmel ġie deċiż li nitlob numru ta' nies li b'xi mod jew ieħor kienu jafu jew ħadmu ma' Lorry, għax hekk l-iktar kien magħruf u tlabnihom jiktbu xi ħaġa fuqu. U dan hu ftit minn dak li kitbu….

**Lawrence Gonzi (Ex Prim Ministru ta' Malta)**

Matul il-karriera tiegħi fil ħajja politika, kelli xorti kbira li niltaqa ma' persuni li mhux biss impressjonawni għat-talenti li għandhom, iżda li saħansitra wasalt biex nammirahom, għall-karattru, determinazzjoni u dedikazzjoni tagħhom lejn dawk il-valuri li huma teżor għalina l-Maltin.

Lawrence (jew aħjar Lorry) Farrugia kien wieħed minn dawn il-personaġġi li skoprejt meta bdejt nieħu l-ewwel passi tiegħi fil-ħajja politika. Skoprejtu għaliex ridt insir naf lil dawk li kienu protagonisti fil-ħajja soċjali fid-distrett u Lorry kien wieħed minn dawn.





Kull min hu mill-Birgu u kull min hu midħla tar-rwol important li għandhom is-soċjetajiet tal-baned f'Malta u Għawdex, jafu iżjed minni min kien, x'kien u x'għamel Lorry Farrugia.

Jiena nixtieq insellimlu l-ewwel nett għaliex rajt b'għajnejja u missejt b'idejja d-dedikazzjoni totali u assoluta li hu kellu lejn il-familja tiegħu li hu kien jgħożż bħala teżor prezzjuż li tant kien kburi bih.

Daqstant ieħor kien iddedikat b'ruħu u ġismu għad-devozzjoni lejn San Lawrenz. Imma din ma kinitx dedikazzjoni għamja, jew partiġġjana iżda kienet waħda ġenwina li kienet ispirata mill-valuri li dan il-Qaddis jirrappreżenta. Insemmi fosthom l-onestà, is-sinċerità, d-dedikazzjoni lejn il-ġid ta' kulħadd u tant aspetti sbieħ oħra li żgur kienu eżempju tajjeb għal dawk kollha li ħadmu miegħu.

It-telfa ta' Lorry hi żgur telfa kbira u tqila għall-familja tiegħu. Imma hi telfa wkoll għalina lkoll għaliex tilfna ħabib li kien protagonist fl-affarijiet is-sbieħ li dan il-pajjiż meraviljuż tagħna jaf joffrilna.

**John Boxall – Sindku**

Ili naf lil Lorry minn żgħożiti. Billi trabbejt ma' ziti Dolor fid-daħla ta' Triq Desain il-Każin tal-Banda kien passejn 'il bogħod u hekk ma jistax jonqos li kont niffrekwentah.  U

ma tistax issemmi lill-Każin tal-Banda tal-Birgu jekk ma ssemmix lil Lorry Farrugia. U għalkemm ma konniex eżattament tal-istess età dejjem kont nara fih bniedem ta' ċerta dixxiplina u nistqarr li kelli sudizzjoni minnu.

Fil-passat ftit li xejn kelli l-opportunità li naħdem miegħu però niftakar sew li meta kont ilħaqt sindku u kont immur il-bar tal-każin biex niltaqa' mal-ħbieb, Lorry kien isib dak il-mument li kien iqum minn bilqiegħda, jeħodni f'ġenb u kien jagħtini xi pariri kif nista' ntejjeb il-qagħda tal-għaqdiet f'din il-lokalità.

Kien propju il-ħolma li għall-għarrieda ġiet f'moħħi li l-każin tagħna jkollu planċier li jixraq is-soċjetà tagħna. Meta avviċinajtu kien maħsud għall-ewwel u bir-raġun peress li dan il-proġett massiv kien ta' ċertu spiża sostanzjali. Informajtu b'kollox li kien hawn persuni li kienu lesti jgħinu finanzjarjament. Ma kienx faċli li tikkonvinċi li dil-persuna fi ftit ħin dwar dan il-proġett. Dan mhux għax ma xtaqux jew ma riedux iżda ried li jekk jgħid iva tkun iva ta' vera. U jien stajt nifhem perfettament il-pożizzjoni tiegħu.

Għalkemm ma' Lorry ma kontx naqbel f'kollox u ġieli argumentajna, imma żgur mingħand dil persuna jien tgħallimt. U żgur li l-eku ta' dil-persuna se jibqa' jidwi fil-Palazz Huesca għal bosta snin

**Bjorn Callus: Il-President attwali tal-Każin**

Jien għandi ħafna stejjer, esperjenzi u anedotti ma' Lorry li nista' ngħid. Imma partikularment hemm żewġ stejjer, li llum iġibuli tbissima li ha nsemmi. Niftakar darba, waqt laqgħa tal-kumitat, meta beda ġej moviment mill-Kurja sabiex isir ftehim bejn baned u festi differenti fil-lokalitajiet, Lorry ġie fil-kumitat b'dokument fejn ippropona li l-Birgu nagħmlu proġett pilota fuq dan il-ftehim. Nammetti li kont il-perċimeż, flimkien mas-segretarju tal-lum Simon Farrugia, li ma qbilniex ma' dan, u qbadna punt punt u niddibattu u nargumentaw ma' Lorry. Wasalna f'punt fejn tant kellna pożizzjonijiet għal kollox opposti fuq din il-proposta, wara xi sagħtejn għajjat u storbju, Lorry kienet qabżitlu! Sabbat tnejn fuq il-mejda, esklama biex ninsew kollox, qabad il-karti li kellu quddiemu, għaffiġhom u garahom! U bejn kważi mbarazzat li qabbiżnihielu, bejn rrid nidħaq għax qatt ma kont rajtu jgħaffeġ u jgara l-karti ... imma b'xi mod il-laqgħa kompliet.

Storja oħra kienet prinċiparjament paprata tiegħi. Niftakar kien żmien in-novena tal-festa, u kont inkarigat milli nniżżel il-fustum u ntella' l-bandiera. Waqt li kont qed nniżżel il-fustum bi ngħas, ma bdejtx ninduna li ċ-ċima tgħaqdet u kienet tiela' 'l fuq għoqda.... sakemm ħarist 'il fuq u nara ċ-ċima għoqda maċ-ċintorin tal-ventijiet! Tistgħu taħsbu l-paniku li qabadni, fi żmien il-festa u ċ-ċima hemm fuq, u mort niġri nsib lil Lorry, li kien fil-każin jagħmel xi ħaġa oħra, u għidtlu x'ġara. Moħħi kien diġà beda jaħseb kif ħa nġib krejn, u x'ħin spjegajt u semmejt il-krejn, Lorry qabad daħka u ma setax jieqaf jidħak. Jaqbad miegħi, jiġbidli saqajja fuq iċ-ċima, u jien ippanikjajt! Kulma kien qalli meta waqaf jidħak. "Ħalli f'idi" u kien kellem lil John Attard, il-Ġojjin u tela' bis-sellum il-kbir mal-arblu u niżżel lura ċ-ċima. Problema solvuta, imma bqajt naqla' xi jumejn mingħand Lorry fuq il-krejn li ridt inġib!



**Christian Lawrence Raggio- membru Kumitat tal-Festa**

Lil Lorry dejjem nafu bħala l-President tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz. Fih dejjem rajt imħabba u devozzjoni lejn San Lawrenz. Ma kienx sempliċiment bniedem mill-Birgu ma' San Lawrenz iżda kien iħobb lil dan il-qaddis b'devozzjoni. Naħseb li din id-devozzjoni dejjem żammet lil Lorry biex jaħdem bla waqfien kemm għall-Każin u anke għall-Festa tal-Patrun. Meta kont nitkellem ma' Lorry, naturalment ħafna drabi fuq il-festa, dejjem ħassejt li kien qed jitkellem b'passjoni. Kont nieħu gost u naprezza li meta tistaqsih xi ħaġa, ma kinetx tkun risposta qasira, iżda dettaljata. Jidħol fil-fond u jwieġeb b'reqqa u jagħtik sal-iċken dettall speċjalment dwar avvenimenti li hu kien jagħmel parti minnhom. Kont nammira dejjem il-ħidma tiegħu bla waqfien fil-manutenzjoni tal-każin. Ma tistax ma tinnotax il-preżenza tiegħu fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha li jsiru fil-Knisja u anke l-ħsibijiet tiegħu dwar il-Parroċċa, mhux sempliċiment il-binja, iżda wkoll in-nies li jagħmlu parti mill-Parroċċa. Ma' Lorry kont taf fejn int. Bniedem ta' rispett u determinazzjoni li jekk ħaġa hija tajba jwettaqha filwaqt li dak li hu ħażin jikkonfrontah sabiex jitwaqqaf. F'kumitati flimkien ftit kelli ċ-ċans naħdem ma' Lorry u għalkemm mhux forsi kont naqbel mal-mentalità tiegħu, dejjem aprezzajt li minkejja l-età tiegħu, xorta waħda s-sehem tiegħu lejn dak kollu li fih jidħol San Lawrenz, lil Lorry se ssibu dejjem.

**Noel Castillo – Segretarju Għaqda Piroteknika 10ta' Awwissu**

Minkejja l-fatt li Lorry Farrugia qatt ma kien involut direttament fl-Għaqda tan-Nar, Lorry kien tip ta' bniedem li jissaportja lil kull entità Palmiża. Meta kienet toqrob il-festa, kien ikun ukoll anzjuż biex jkun jaf kemm għandna nar għal dik il-festa u kien isostni dak li jemmen fih, għax qatt ma naqas milli jagħtina d-donazzjoni personali tiegħu. Bla dubju ta' xejn, ma tistax tifred isem Lorry mill-festa tagħna. Kien bniedem li jgħix għall-każin u għall-festa. Kien ta' unur għalina li ħdimna spalla ma' spalla miegħu f'kull Kumitat Organizzattiv ta' Festi Speċjali li kellna, bl-aħħar okkażjoni tkun il-Kumitat tal-Festi Biċentinarji tal-Kolleġġjata fl-2020, festi li sfortunatament ma gawdejna xejn minnhom, minħabba l-pandemija.

Minkejja l-fatt li kien hemm ukoll okkażjonijiet fejn forsi illitikajna xi ftit fuq materji konnessi mal-festa, nafu li finalment l-għan tagħna kien dejjem li nagħmlu festa kbira minn kull angolu. Ovvjament il-Każin tal-Banda kien

il-mimmi ta' għajnejn Lorry u fejn jidhol il-Każin kien jagħmel minn kollox biex iħares l-interessi tiegħu.
Dan kien Lorry Farrugia – bniedem ta' prinċipju, bniedem b'valuri sodi u pilastru tal-festa Palmiża.

**Karmenu Scicluna - Sagristan**
Fis sena 1986 kif inħtart sagristan ġie jifraħli u qalli, "Nawguralek u persważ li ħa tagħmel ħiltek kollha." Ftit tax-xhur wara kont il-Fgura fejn għajjatli u qalli, "Karm, il-każin għandu bżonn l-għajnuna tiegħek għax il-maġġoranza tal- kumitat huma anzjani." Jien minn dejjem kelli rispett lejh allura aċċettajt. Meta ġejt fil-kumitat ikkonfermajt li l-maġġoranza tal-membri kienu anzjani u għadhom jaħsbuha b'mod antik. Jien kelli dik l-enerġija u bdejt niżbarazza u nnaddaf kif dejjem kien jgħidli Lorry. Il-membri l-oħra tal-kumitat ma kienux aċċettawni u Lorry tani n-numru tat-tarzna fejn kien jaħdem u kien jgħidli biex inċempel lilu u b'hekk bqajt miexi biex xogħol li kien jgħidli nagħmel.
Kif wasal Novembru tal-istess sena dħalt fil-każin filgħodu għax dak iż-żmien ma kienx jinfetaħ għall-pubbliku. Kont fuq u ġie Lorry u qalli. "Karm, nixtieq li inti tingħaqad miegħi fil-Kumitat taċ-Ċentinarju tal Parroċċa tal-1990." Jien fil-pront weġibtu li ma kontx naf x'xogħol irrid nagħmel. Hu weġibni sabiex ma ninkwieta xejn u wegħdni li se jmexxini hu. Minn dak inhar indunajt li kellu fiduċja għamja fija u lili imlieni bil-ħeġġa lejn il-każin. Bqajna naħdmu flimkien fejn saru tibdiliet kbar bħas-saqaf tal-bejt tas-sala, is-sular ta' fuq, dawl ġdid, ftaħna l-kmamar li hemm isfel fejn sar il-bar u l-aktar li kien għal qalbu kien fejn irranġajna l-Istatut tal Każin li kien sar antikwat.
Kien hemm ħafna affarijiet oħra għax ħdimt ma' Lorry għal kważi 30 sena. Inħoss li l-vojt ta' Lorry fil-Każin għadu jinħass. Kliemu dejjem ta' ġid u l- knisja kien iħobbha. Għalkemm jien ħdimt ħafna għall-każin però nħoss li rċevejt ferm iktar u dan kien bis-saħħa u l-formazzjoni li tani Lorry.

**Ġużi Scicluna (Iċ-Ċosi) - Ħabib u benefattur tal-Każin**
Għall-Lorry, il-familja, San Lawrenz u l-każin kienu kollox. Lorry kien iħobb ħafna lill-familja speċjalment lill-mara tiegħu Edmea, li tant kien jadura, lit-tfal Simon u Stephanie kif ukoll lin-neputijiet li tant kienu għeżież għalih. Lorry kien raġel fuq l-irġiel u umli ħafna. Fil-knisja kien jipparteċipa sewwa, jaqra, jkanta u kien ukoll jgħin f'kull ma' jkun hemm bżonn. Kien jikkomunika ħafna mal-Arċipriet ta' kull żmien. Niftakar qisu lbieraħ meta lili nkludieni fil-kumitat meta ġiet ir-relikwija ta' San Lawrenz ġewwa l-Birgu. X'suċċess kbir kien! Dakinhar ħriġna għall-ewwel darba f'Malta l-ikoni tal-fidda ta' San Lawrenz. Il-Każin Palazzo Huesca u l-Knisja ta' San Lawrenz kienu t-tieni dar tiegħu. Meta Lorry kien President, kelli x-xorti li naħdem miegħu f'diversi okkażjonijiet. Lorry ittrasforma l-każin f'ħafna affarijiet fosthom bl-inawgurazzjoni tal-istatwa tal-irħam ta' San Lawrenz, sebbaħna l-intrata tal-każin bl-irħam minn fuq s'isfel u għamilna ħafna tibdil u manutenzjoni matul is-snin. Ma nistax ma nsemmix l-akbar biċċa opra li għamilna li kienet il-planċier maestuż li narmaw fil-pjazza. Grazzi Lorry għal dak kollu li għamilt man-nies tal-Birgu. Il-Mulej jagħtik il-glorja tal-ġenna li verament jixraqlek għax int kont raġel eżemplari matul is-snin kollha.



**Pawlu Camilleri Cauchi (Pittur li għamel ħafna xogħlijiet għas-Soċjetà)**
Lorry, kien marbut ħaġa waħda mal-każin u anke l-Parroċċa. Għalih dawn kienu kważi t-tieni dar tiegħu. Ma' Lorry ħdimna proġetti kbar flimkien. Fis-sena 1990 għad-900 Ċentinarju tal-Parroċċa huwa flimkien mal-Arċipriet, il-Kan Pawl Raggio kienu kkummisjonawli l-pittura għall-poster uffiċjali għal dawk il-kommemorazzjonijiet. Wara ġejt imqabbad mill-kapitlu biex nirrestawra l-pittura ta' Giuseppe Calì fil-kor tal-knisja.
Fis-sena 1991 Lorry reġa' avviċinani dwar il- proġett ambizzjuż ta' planċier ġdid għall-banda. Meta ittieħdet id-deċiżjoni, jiena flimkien mad-disinjatur is-Sur Salvu Bugeja tkellimna u ħriġna b'idea oriġinali li fil-panewijiet issir pittura minflok l-iskultura. Din kienet biċċa xogħol kbira u niftakar li kull min kien involut f'dan il-proġett speċjalment Lorry, konna ferm sodisfatti dakinhar li ġie mżanżan f'Lulju tas-sena 2008. Dik kienet is-sena li fiha ġie ċċelebrat il-125 anniversarju mit-twaqqif tal-istess Soċjetà. Għal dik l-okkażjoni kont ukoll ikkummissjonat sabiex nagħmel il-logo uffiċjali.
Bħala President Lorry kien avviċinani sabiex nagħmel iktar xogħlijiet għas-soċjetà bħal fis-sena 1994 kellimni fuq pittura fiċ-ċentru tal-bandalora rrakmata tal-każin. Imbagħad fis-sena 2019 erġajt ġejt ikkummisjonat biex nagħmel pittura kbira dwar il-miraklu taċ-ċimblu. Bl-aħħar xogħol tkun pittura kbira li tirrappreżenta l-Assedju l-Kbir li ġiet inawgurata fis-7 ta' Awwissu 2021.
Meta sirt naf sew lil Lorry mill-qrib innutajt kemm kien bniedem rett u tal-affari tiegħu, bniedem reliġjuż u ta' valuri nsara li jirriflettu t-trobbija soda li kellu. Minħabba f'hekk nibtet ħbiberija sinċiera bejnietna. Lorry kien bniedem kbir u li kellna rispett kbir reċiproku u li ċertament kien rispettat minn kull min kien jafu. B'sogħba nikteb li tlift ħabib ta' veru.

**Giovanni Pisani (Eks-arkivista u eks-bandist tal-Banda San Lawrenz)**
Ili naf lill Lorry minn meta kien fil Kumitat tal festa. Għamilna żmien twil niltaqgħu u nitkellmu fuq il-banda, kultant ma naqblux fuq dak li jkun hemm fuq l-aġenda, u għalkemm ma nkunux qbilna mija fil mija imma dejjem

wasalna għall-aħjar konklużjoni għall-ġid tal-Każin tal-Banda. Kull meta kien ikun hemm xi ħaġa fil-każin li tinvolvi x-xogħol ta' mastrudaxxa, dejjem kien jgħidli, "Ġann nieħdu ħsiebha din." Fl-aħħar snin konna nitkellmu fuq dak li se jsir bħala banda u hu dejjem kien jgħidli, "Ara li naslu għall-konklużjoni tajba dwar dak li se jindaqq." Għalkemm m'għadux magħna, Lorry se jibqa' dejjem f'moħħi u f'qalbi għal dejjem.

**Manwel Pisani - Bandist u eks-membru tal-Kumitat tal-Banda**

Bla dubju ta' xejn, Lorry Farrugia minn dejjem kellu mħabba kbira lejn il-festa ta' San Lawrenz. Meta hu kien segretarju tal-kumitat tal-festa, jiena kont għadni żgħir u jien kont membru. Xogħolna kien, kull nhar ta' Sibt filgħaxija nippreparaw għat-tombla b'risq il-festa. Dan kien ifisser li trid tarma l-imwejjed, siġġijiet u bankijiet għan-nies, kif wkoll bejgħ tal-biljetti u dak kollu li tinvolvi t-tombla. Dak iż-żmien kienet tipprovdi d-dħul prinċipali tal-festa. Qisek trid tmur bilfors jekk int fil-kumitat. Imma ta' ġuvni li kont, meta bdejt inkellem lill-mara li għandi, bdejt infalli xi Sibtijiet u ma mmurx ngħinhom. Kien sabni Lorry u qalli trid tagħżel jew in-namrata jew il-kumitat. Dak iż-żmien għażilt lin-namrata, imma żgur li l-festa dejjem baqgħet għal qalbi. Meta ħriġt indoqq mal-Banda San Lawrenz u anke meta bdew idoqqu t-tfal Frankie u Christopher, kien ikolli ħafna kuntatti ma' Lorry, speċjalment meta morna ż-żjara ġewwa Brussell u daqqejna f'Dar Malta. Hemm stajt tara lil Lorry ferħan jara l-banda li kienet tant għal qalbu, ddoqq ġo dak il-post prestiġjuż. Mument li se jibqa' f'moħħi wkoll hu meta fil-25 ta' April ta' din is-sena, konna ma' grupp żgħir ġewwa Ruma fuq il-qabar ta' San Lawrenz u Charles Callus poġġa s-santa tal-mewt ta' Lorry fuq il-qabar tal-Qaddis Lorenzo, u xi ħadd daqq l-Innu ta' San Lawrenz fuq il-mobile. Aħna bħala grupp tajna omaġġ għalih fuq il-qabar tal-maħbub tagħna Lorenzo u kienet mument veru kommoventi.

**Charles u Julius Sacco - Ħadmu l-parti tal-injam tal-planċier u xogħlijiet oħra.**

Ma' Lorry iltqajt l-ewwel darba meta ġie jżur il-fabbrika tagħna sabiex induru l-planċier. Nista' ngħid li kienet biċċa xogħol iebsa għaliex konna kważi bdejnih mill-bidu! Minn dakinhar 'l hawn, aħna dejjem żammejna kuntatt fiss ma' xulxin. Fil-fatt, wara li tlesta l-planċier, kien avviċinani biex nagħmlu l-leġġijiet ukoll. Ħaġa taqla' l-oħra, u dejjem rajna kif ħdimna tajjeb flimkien.
Xi ħaġa li kont nammira ħafna f'Lorry hija li hu ma kien jaqta' qalbu minn xejn. Kien bniedem li jippjana tajjeb ħafna u dejjem ried ipoġġi l-każin 'il quddiem. Barra minn hekk, hu stess kien imidd idejh għall-affarijiet li jinqalgħu ġewwa l-każin. Kull meta kont niġi nżuru, dejjem kont insibu jagħmel xi ħaġa differenti. Lorry kien bniedem onest u dak li hu tiegħek, itihulek. Apparti minn hekk, kien bniedem li jaf japprezza x-xogħol ta' dak li jkun. Jien u ħija Julius, konna ilna nafuh għal dawn l-aħħar għoxrin sena, u nistgħu ngħidu, li dejjem imxejna ħarir flimkien. Lorry kien bniedem ta' stoffa għall-każin għax dejjem ħabrek għall-ġid tal-istess għaqda.
Il-Birgu tilef pijunier kbir, però se jibqgħu jgawdu l-frott ta' dak kollu li ħadem għalih Lorry matul is-snin.

**Andrew Bugeja- artist Vittoriosan li ħadem ħafna xogħol għas-Soċjetà tagħna**

Nibda billi niftakar x'ħatfa ħatafni meta kont għadni daqsxejn ta' tifel meta jien u kuġinuwi fettlilna mmorru nistadu. Aqtgħu fejn? Fil-vaska tal-bitħa tal-każin. Kien qabbadna Lorry u tistgħu taħsbu x'qalilna. Inħalli f'idejkom biex timmaġinaw.
Jien ma' Lorry kelli relazzjoni tajba ħafna. Dejjem ħdimna id f'id. L-ewwel xogħlijiet li ġejt imqabbad biex nagħmel għall-każin kienu fiċ-Ċentinarju tal-1983. Minn hemm ġejt ikkummisjonat ħafna opri. Insemmi it-tnax-il statwa għall-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira, 'Ġetsemani', il-bankun tal-istandardi kif ukoll l-abbozz ta' San Lawrenz tal-irħam li hemm fl-intrata tal-palazz tagħna,
Però bla dubju l-ikbar proġett li ġie fdat f'idejja kien il-planċier artistiku tagħna. Meta Lorry kien ċempilli u staqsieni iridx niżbogħ il-planċier, hu qalli, "Ejja ħa niltaqgħu u nitkellmu." Dwar dan ix-xogħol kelli ħafna diskussjonijiet twal mal-mibki Salvu Bugeja. Min-naħa tiegħu Salvu aċċetta li ż-żebgħa titħalla f'idi filwaqt li l-induratura se tkun fdata f'idejn Roderick Busuttil.
Kont nammira lil Lorry għax fejn ma kienx jifhem ma jindaħalx. Hu kien il-ħin kollu jsegwi dak li jkun għaddej. Bla dubbju llum Lorry qed igawdi frott ħidmietu u qiegħed ħdejn dak li tant ħabb.... lil San Lawrenz. Jien minn qalbi nsellem il-memorja ta' sieħbi Lorry u minn hawn nieħu l-opportunità sabiex inwiegħed li sejjer noffri lill-kumitat li nagħmel bust tiegħu. Naħseb anzi konvint li fis-sede tagħna jixraq li jkun hemm bust ta' Lorry.

**Giovann Raggio (Eks-membru tal-Kumitat tal-Festa u tal-Każin)**

Għalija Lorry Farrugia kien l-akbar ħabib, konna tista' tgħid qisna aħwa anzi nazzarda ngħid aqwa. Lorry kien raġel sod fil-karattru u fil-prinċipju, imma b'manjieri ħelwin ma' kulħadd. L-aktar li kellu għal qalbu kienu l-ewwel il-familja, wara l-knisja u l-liturġija, l-każin tal-Banda San Lawrenz u fuq kollox il-festa tagħna.
Għalija Lorry twieled *leader*. Minn żgħożija tiegħu dehru fih kwalitajiet ta' '*leadership'* kemm meta kien President tal-Azzjoni Kattolika li organizza l*iż-żgħażagħ* u beda jorganizza *ħ*afna attivitajiet *ġ*odda u innovattivi g*ħ*al dak i*ż-żmien kif* ukoll meta kien segretarju tal-Kumitat tal-Festa fejn *ħ*adem bis-s*ħiħ* u anki introdu*ċ*a affarijiet *ġ*odda fosthom il-bdil fir-rotta tal-Purċissjoni.
Kif daħal il-każin, Lorry beda biex jaġġorna l-każin għaż-żminijiet moderni. Ħaseb biex ikollu kumitat b'ideat friski u attwali, ippjana xogħol ta' manutenzjoni u l-attivitajiet ta' matul is-sena. Dan ir-ritmu li beda bih baqa' bih sal-aħħar. Lorry kien strumentali biex l-isem tal-każin minn Duke of Edinburgh inbidel għal Banda Vittoriosana San Lawrenz. Lorry kien jagħti l-eżempju għax mhux jgħid biss iżda hu ikun l-ewwel li imidd idejh, allura mingħajr ma' trid meta tara il-President qiegħed jaħdem, inti tkun trid tagħti sehmek. Lorry kien ukoll il-President tal- Għaqda tal-Każini tal-Baned ta' Malta.
Lorry bħala President tal-Każin kien mistieden biex ikun is-segretarju tal-festi Ċentinarji tal-Parroċċa fl-1990. Mhux faċli li tgħid dak kollu li għamel għall-festa, il-każin u għall-Birgu f'din il-kitba qasira għax il-kontribut tiegħu matul is-snin kien kbir wisq.


Around the World in
80 Days
minutes
VITTORIOSA IN FESTA 2022
A Spectacular Musical Programme
featuring ST. LAWRENCE BAND
CONDUCTOR: MRO. JONATHAN ABELA
07AUG VITTORIOSA MAIN SQUARE 9PM

hsbc.com.mt
2380 2380
HSBC
Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444

MIFSUD GARAGE LTD.
IRONMONGERY
Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar
56, La Vallette Street, Vittoriosa
Tel: 2180 7535





BOV PERSONAL LOANS
THE CHOICE
IS ALWAYS YOURS
All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.
More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020**.

# Breakaway Travel

**Blacktown**

George Vella
Managing Director

94 Cnr Main & Campbell Street
BLACKTOWN NSW 2148
PO Box 27, BLACKTOWN NSW 2148

**Tel:** 02 9622 7799
**Fax:** 02 9671 6706
**Mobile:** 0408 079 246
**Email:** gvella@breakawaytravel.com.au

*Proud to be associated with the Committee of the St Lawrence Band Club, Vittoriosa, Malta*